Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAD-DISA' U TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 17 ta' Frar 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB |
| | Sur | RALPH CASSAR – RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE – HMF |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – A.Zammit |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

Kulhadd kien present ghall-bidu tal-laqgha.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Approvati.

**2. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur GB saqsa fuq ix-xogholijiet ta' Triq Victor Vassallo wara l-laqgha li saret mal-Ministru. Hu gie nfurmat mis-Sindku li x-xogholijiet se jsiru kollha mill-Minsteru u li l-Ministeru se jassorbi l-ispejjez kollha..

Is-Sur RC rega' gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-latrini qed idumu wisq miftuhin jew gieli ma jinghalqu xejn. Is-Sur SC qal li jinghalqu hinijiet differenti. Is-S.E. qalet li l-indafa mmiljorat. Is-Sur Cassar qal li jekk il-problema tippersisti l-Kunsill ikolllu jirrimedja u jsir appuntament mal-kuntrattur jew jinghalqu kompletament. Is-Sur M. Spiteri rega' fakkar fil-passagg ta' Triq Lorenzo Manche'. Is-S.E. qalet li ma jistax jinfetah qabel TM taghti l-approvazzjoni taghha, minhabba li meta nfetah, rega' nghalaq mill-bidwi u l-Kunsill ma jafx liema parti tat-triq hi espropriijata'.

Is-Sur R.C.u M.S. regghu fakkru fil-bankina ta' Triq Santa Katerina sabiex issir provizorja. Se terga' ssir reminder lis-Sur David Psaila.

**3. KORRISPONDENZA**

- Petizzjoni minghand residenti fi Triq Sant'Anna sabiex l-isqaq isir *residents only* u ssir *automated* bollard. Il-petition ghandha tintbaghat TM.
- Kopja ta' ittra li ntbaghtet mill-Avukat Matthew Bondin lil MEPA rigward ix-xoghol li ghaddej fil-Bio-Technical Plant fi Triq iz-Zragen liema xoghol baqa' ghaddej wara li l-Kunsill ma tax il-permess sabiex tinbidel l-iskema ta' parkegg fl-akwati. Fl-ittra tieghu il-Kunsill talab biex il-MEPA tirrevedi l-permess li nhareg u ma jintmiss l-ebda parkegg.
- Talba minn residenta sabiex isiru iktar bins ghall-hmieg tal-klieb. Din it-talba se tinzamm fil-files sabiex meta jkunu se jsiru xi bins jsiru dawn l-ewwel skond kif mitlub mis-Sinjura Sara Calleja.
- E-mail minghand is-Sur Raymond Farrugia DG WID, rigward Gardina John Borg liema gardina flimkien mal-area cirkostanti u skond kif jidher fil-pjanta annessa mal-istess e-mail qed tigi mitluba lura mis-sidien. Is-Sur Farrugia gibed l-attenzjoni li

minhabba l-implikazzjonijiet legali is-Dipartment m'ghandux alternattiva ohra hlief li jaghti lura l-art lis-sidien.

Is-Sindku talab li jinbdel l-ordni tal-Agenda minhabba li Dott. Herbert Messina Ferrante ma setax idum iktar. Ghalhekk gie diskuss item 8.

**8. APPROVAZZJONI TA' *FINANCIAL STATEMENTS***

Il-*Financial Statements* gew approvati wara li kienu ghadhom kemm gew imressqa fil-Laqgha Pubblika li saret qabel fil-5.00pm.
Dott. Herbert Messina Ferrante skuza ruhu u halla l-kamra

**4. APPROVAZZJONI TA' RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA OTTUBRU – DICEMBRU 2014**

Ir-rapport gie approvat bla nterventi.

**5. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI JANNAR**

Il-pagamenti gew approvati wara li saru dawn il-mistoqsijiet:
Sur Alfred Zammit – Pagament Nru. 20 Min hu Owen Borg? – Non-Urban
Pagament Nru 28 X'kien jinkludi l-kont tal-Globe Stationery? Dan il-kont kien jinkludi gazzetti, stationery u bolol flimkien ma xi affarijiet ohra....
Pagament Nru. 41 Smart Office – Dan kien kompost mill istess *office equipment perishables* imma differenti bhall-Toners etc. Is-S.E. spjegat li ma jinxtrawx l-istess affarijiet imma l-Kunsill jipprova jqassam bejn *Suppliers* differenti.
Pagament Nru. 49 Min hu Neil Micallef? Podologista Sta. Katerina

Sur Gerald Borg – Pagament Nru. 22 Compleet IS Services External Hard Drives ghall-backup tad-dokumenti
Pagament Nru. 43 SRF Veladrians – Bulky Refuse

**6. HATRA TA' KUMITAT TAL-FINANZI**

Il-Kunsill unanimament qabel li dan il-Kumitat ghandu jkun compost minn:
Sur Stefan Cordina, Sinjura Marica Mifsud, Sur Ralph Cassar, Sur John P. Bonnici u l-Accountant Sur Tonio Cuschieri

**7. APPROVAZZJONI TA' BUDGET**

Il-*Budget* gie approvat wara li kien ghadu kemm gie mressaq fil-Laqgha Pubblika li saret qabel fil-5.00pm.

**9. APPROVAZZJONI TA' MPIEG TA' SKRIVAN GDID**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni l-impieg ta' skrivan gdid wara li s-Sinjorina Cassola rrizenjat mill-kariga. Is-Sur R.B. qal li wara li saru l-intervisti mas-Sur Robert Attard, ex-mpjegat ta' Kunsill Lokali Zurrieq u s-Sinjorina Karen Fsadni, mpjegata tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard taht skema tal-ETC, jidher car li ghalkemm it-tnejn kellhom kwalitajiet u rekwiziti tajbin, is-Sur Attard ma kienx eligibbli ghall-pozizzjoni u dana minhabba li r-rizenja mill-Kunsill Lokali Zurrieq biss il-gimgha ta' qabel. Kif il-Kunsill sar jaf b'dan u dan kumbinazzjoni minhabba li rcieva *internal call* mill-istess Kunsill Lokali Zurrieq, il-Kunsill ha l-parir tad-Dipartiment, fejn gie nfurmat li meta persuna tirrizenja mill-kariga ma tibqax eligibbli ghall-*Internal Call.* Ghalhekk awtomatikament il-Kunsill waqa' fuq is-Sinjorina Karen Fsadni. Ghaldaqstant ma' tmien il-kariga tas-Sinjorina Katya Anna Cassola u b'effett mill-1 ta' Marzu 2015, is-Sinjurina Fsadni ghandha tigi meqjusa bhalha mpjegata tal-Kunsill w'ghandhom jintlew u jintbaghtu l-karti kollha necessarji relatati mal-impieg gdid. Kulhadd qabel.

.

**10. RAPPORT TA' HIDMA MIS-SINDKU – BARRIERA – BIOTECNICAL PLANT TAL-KMAND, TRIQ IL-GONNA U BANKINI**

Is-Sur Stefan Cordina ta rendikont fuq dawn l-affarijiet:

Qed titlesta d-dokumentazzjoni kollha sabiex il-Kunsill jiftah kawza lil Sid tal-barriera ta' Ven Ven

Kif tressqet ga mal-korrispondenza, il-Kunsill lest li jipprocedi fl-interess tar-residenti jekk jibqa' ma jitranga xejn fil-kwistjoni tal-Biotechnical Plant

Li l-bierah, 16 ta' Frar tlesta x-xoghol fuq Triq il-Gonna f'gurnata flok tnejn hekk kif approvat minn TM.

Li bdew ix-xogholijiet fuq il-bankina ta' Triq Alfred Camilleri u li fil-granet li gejjin se jitkomplew u fuq it-toroq Mizieb, Sienja u Dirsa.

Is-S.E. tat informazzjoni li x-xahar id-diehel hergin xi tenders li se jiskadu u ohrajn godda li huma:

Gbir ta' Skart
Servizz ta' Accountant
Printjar ta' Materjal (Gdid)

**11. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Talab approvazzjoni sabiex isiru xi xogholijiet fi Pjazza Tumas Dingli relatati mal-installazzjoni tas-CCTV fil-pjazza, sabiex jitnaqqas il-vandalizzmu. Hemm spiza relata mar-re-wiring u CCTV li bejniethom se jigu madwar €1500. Kulhadd qabel.
- Talab approvazzjoni sabiex isiru korsijiet tas-sewqan, mis-Sur Alfred Farrugia – How to Drive. Kulhadd qabel
- Li titressaq l-iskip minn hdejn Gardina Frans Dingli. Is-Sur Cassar qal li l-ewwel inbidlet minn hgieg ghall-plastik u issa r-residenti talbu biex titressaq. Is-Sur Cassar qal li titressaq kemm trid, imma mhux titnehha ghax dak li kien irribatta qabel ghadu jghodd u li mhux ha noqghodu nzarmaw il-Bring-in Sites. Kulhadd qabel.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Fakkar li fil-l*eaflet* ghandha titpogga nota fuq il-gbir ta' hwejjeg fl-14 ta' Marzu.
- Li ghandha tintbaghat nota sabiex Greenpak inaddfu madwar il-Bring-in Sites specjalment dawk ta' hdejn l-iskola, anka jekk jista' jkun il-kenniesa jduru madwar il-*hedges*
- Li sar rapport lill-Pulizija mis-Sur Steve Borg minhabba li fuq FB esprima ruhu fil-konfront tat-tehid ta' kotba mill-Librerija fejn xi nies hassewhom urtati minhabba li uza l-kliem `serq ta' kotba`. Qal li hu jqis il-kotba ass ital-Kunsill w'ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jkun infurmat f'kull attivita' li ssir gewwa l-librerija.

Is-Sur MS ressaq dawn il-punti:

- Li ssir il-junction box li kien hemm qabel fi Triq in-Nutar Zarb

Is-Sur RB ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq il-*connection* tal-bozza ta' Triq il-Kappar
- Li fit-30 ta' Mejju xi atleti mill-Attard Athletic Club se jmorru Elancourt sabiex jiehdu sehem fit-10km race gewwa Franza.

Is-Sur J. P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li terga' ssir lura l-isleeping policeman ta' Triq ir-Ruzell. Is-Sur SC qal li trid issir *Public Consultation*
- Li l-Magistrat Tonio Micallef isirlu reserved hdejn id-dar. Is-S.E. qalet li t-talba trid issir mill-individwu lil TM u li l-Magistrati jigu moghtija *reserved* awtomatikament.

Is-Sur GB ressaq dawn il-punti:

- Li jsir kuntatt bit-telefon, mhux bl-e-mail ma Transport Malta biex jitwahhlu l-lights ta' Triq l-Imdina li ilhom arbli biss mis-Sajf.
- Saqsa fuq ix-xogholijiet ta' Triq il-Pjazzetta li kienu weqfin. Is-Sindku qal li kien hemm problema b'xi permessi imma ghandhom ikompulu dalwaqt.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Li ssir dik il-parti ta' bankina miksura fi Triq Victor Vassallo

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata għall- 24 ta' Marzu 2015 fil-5.30pm

________________________ Sindku

____________________ Data